13. L-IMPRIŻI ŻGĦAR U TA’ DAQS MEDJU

32000 D 0819: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/EC ta’ l-20 ta’ Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-impriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għal impriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

1) fl-Artikolu 6:

(a) it-tielet daħla li ġejja qed tiġi mħassra:

"— Ċipru, iffinanzjat b’appropjazzjonijiet addizzjonali skond il-proċeduri li għandhom jiġu miftehma ma’ dak il-pajjiż;"

(b) dan li ġej qed jitħassar fir-raba’ daħla:

"Malta u".

14. L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

1. 31963 D 0266: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 63/266/KEE tat-2 ta’ April 1963 li jistipula l-prinċipji ġenerali għall-implimentazzjoni ta’ politika komuni dwar it-taħriġ vokazzjonali (ĠU 63, 20.4.1963, p. 1338), u

31963 Q 0688: Ir-Regoli tal-Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali 63/688/KEE (ĠU P 190, 30.12.1963, p. 3090), kif l-aħħar emendati bi:

– 31968 D 0189: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 68/189/KEE tad-9.4.1968 (ĠU L 91, 12.4.1968, p. 26),

– 11972 B: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit (ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14),

– 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

– 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),

– 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21).

Bla ħsara għal xi reviżjoni futura qabel id-data ta' l-adeżjoni, fl-Artikolu 1(1) tar-Regoli tal-Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Nru. 63/688/KEE, "disgħin" jinbidel b"mija u ħamsin".

2. 31975 R 0337: Ir-Regolament (KEE) Nru. 337/75 tal-Kunsill ta' l-10 ta' Frar 1975 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1), kif emendat bi:

– 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

– 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),

– 31993 R 1946: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1946/93 tat-30.6.1993 (ĠU L 181, 23.7.1993, p. 11),

– 31994 R 1131: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1131/94 tas-16.5.1994 (ĠU L 127, 19.5.1994, p. 1),

– 31995 R 0251: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 251/95 tas-6.2.1995 (ĠU L 30, 9.2.1995, p. 1),

– 31995 R 0354: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 354/95 tal-20.2.1995 (ĠU L 41, 23.2.1995, p. 1).

Bla ħsara għal xi reviżjoni futura qabel id-data ta' l-adeżjoni, fl-Artikolu 4(1) in-numru "48" jinbidel b'"78", u fil-punti (a), (b) u (ċ) ta' l-istess paragrafu "ħmistax" jinbidel b'"ħamsa w għoxrin".